# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Joseph Fenech**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Joseph Fenech ID292145M** li permezz tagħhom huwa ġie mixli talli nhar l-14 t'Ottubru 2015 u fiż-żmien ta' qabel din id-data ġewwa l-Fgura huwa :

(a) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq vettura tat-tip Mercedes Benz ta' kulur silver bin-numru tar-reġistrazzjoni A1 proprjeta ta' Paul Buttigieg liema ħsara tammonta għal €804.76 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kif ukoll talli volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq vettura tat-tip BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni 1A proprjeta ta' Jean Paul Buttigieg liema ħsara tammonta għal €375.24 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat ukoll id-dokumenti kollha li jifformaw parti minn dan il-proċess.

Semgħet il-provi kollha prodotti

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta tat-12 t'April 2016 quddiem din il-Qorti kif presjeduta l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi piena statutorja, u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat tiegħu u jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura minnha, fil-presenza tal-Avukat Difensur huwa tenna l-ammissjoni u wieġeb li kien ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

***<u>DECIDE : -</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu wara li qieset mhux biss l-ammissjoni tal-imputat iżda wkoll li hija tal-opinjoni li meta titqies l-imġieba tal-imputat kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena u għalhekk warali spjegatlu l-import tad-deċiżjoni tagħha u tal-konsegwenzi naxxenti minnha, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li

permezz tagħha tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 12 t'April 2016***

***Aaron M. Bugeja***